

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija

(2012/C 388/14)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") (preċedentement imsejħa l-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew), li tinsab f'Kopenhagen, ġiet stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90⁽¹⁾. Hija responsabbli mill-istabbiliment ta' netwerk ta' osservazzjoni li jipprovi lill-Kummissjoni, lill-Parlament, lill-Istati Membri u, b'mod aktar ġenerali, lill-pubbliku b'informazzjoni affidabbli dwar l-istat tal-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tippermetti lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiedu azzjoni ħalli jissalvagwardjaw l-ambjent u jivvalutaw l-effettività ta' tali azzjoni⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistema ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali⁽³⁾ tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati⁽⁶⁾. Id-Direttur huwa responsabbli milli

jistabbilixxi⁽⁷⁾ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni rilevanti għat-thejjja ta' kontijiet finali⁽⁸⁾ li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁹⁾, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweqqi ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni rilevanti għat-thejjja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁽⁷⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁸⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità milli-Aġenzija huma stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija.

⁽⁹⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni imniżżlin hawn taħt.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Aġenzija⁽¹⁰⁾ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni⁽¹¹⁾.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAL-AĠENZJA

12. Sar pagament lil organizzazzjoni ambjentali internazzjonali li kien jammonta għal EUR 6 061 li kien relatat mal-parteċipazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija fi spedizzjonijiet organizzati minn din l-organizzazzjoni li saru fi Frar u Mejju 2011. Ma kienet saret l-ebda proċedura tal-akkwist u ma kien tfassal l-ebda kuntratt għal dawn l-ispedizzjonijiet. Spejjeż tal-ivvjaġġar relatati addizzjonali li ġġarrbu mill-Aġenzija kienu EUR 11 625. Id-Direttur Eżekuttiv kien membru tal-Bord tal-Amministraturi tal-organizzazzjoni sa April 2011. Dan jikkostitwixxi konflitt apparenti ta' interessi.

KUMMENTI OĦRA

13. L-Aġenzija tejbet konsiderevolment it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ matul is-snin. Madankollu, il-verifika xorta sabet konfużjoni bejn il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' għażla fir-rigward tas-snin ta' esperjenza professjonali. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kontenut tat-testijiet bil-miktub, u l-limiti minimi għalihom, kienu determinati qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Settembru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

⁽¹⁰⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fil-31 ta' Mejju 2012 u rċevuti mill-Qorti fid-29 ta' Ġunju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawg tal-Kummissjoni, jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew www.eea.europa.eu.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

ANNEX

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen)**Il-kompetenzi u l-attivitajiet**

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-politika tal-ambjent</p> <p>Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu [...] l-għanijiet tas-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.</p> <p>Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tiegħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas. [...] Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika [...], l-Unjoni għandha tiegħu inkonsiderazzjoni dati xjentifiċi u tekniċi (<i>data</i> xjentifika u tekniċa) eżistenti, il-kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni differenti tal-Unjoni, il-vantaġġi u l-piżijiet li jistgħu jirriżultaw minn azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Unjoni inġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha [...].</p>
<p>Il-kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/1990)</p>	<p>L-għanijiet</p> <p>L-istabbiliment ta' netwerk tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew biex jipprovdu lill-Unjoni u l-Istati Membri bi:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Informazzjoni oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u kumparabbli f'livell Ewropew li tippermetti li: <ol style="list-style-type: none"> (a) jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent; (b) jiġu stmata r-riżultati ta' dawk il-miżuri; (c) jiġi żgurat li l-pubbliku jkun infurmat tajjeb bl-istat tal-ambjent. 2. L-appoġġ tekniku u xjentifiku meħtieġ <p>Il-ħidmiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tistabbilixxi, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, u tikkordina n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent. — Li tippovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva meħtieġa għat-tħejjija u l-implementazzjoni soda u effettiva tal-politika ambjentali. — Li tgħin fil-monitoraġġ ta' miżuri ambjentali permezz ta' sostenn xieraq għall-ħtiġijiet tar-rappurtar. — Li tagħti parir lil Stati Membri individwali dwar l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-espansjoni tas-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ ta' miżuri ambjentali. — Li tirreġistra, tiġbor u tistma l-informazzjoni (<i>data</i>) dwar il-qagħda tal-ambjent, tirrapporta dwar il-kwalità tal-ambjent u l-perssonijiet fuqu fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, biex tippovdi kriterji ta' stima uniformi għad-<i>data</i> ambjentali li għandha tiġi applikata fl-Istati Membri kollha u biex tiżviluppa aktar u żżomm ċentru ta' referenza ta' informazzjoni fuq l-ambjent. — Li tgħin biex tiżgura li d-<i>data</i> dwar l-ambjent fil-livell Ewropew tkun kumparabbli u, jekk meħtieġ, biex tinkoraġġixxi b'mezzi xierqa, armonizzazzjoni mtejba ta' metodi ta' kejl. — Li tippromovi l-inkorporazzjoni tal-informazzjoni (<i>data</i>) Ewropea ambjentali fil-programmi internazzjonali ta' sorveljar ambjentali. — Li tippubblika rapport kull ħames snin dwar l-istat tal-ambjent, ix-xejriet fih u l-prospetti għalih, issupplimentat minn rapporti indikaturi li jiffukaw fuq kwistjonijiet speċifiċi.

	<ul style="list-style-type: none"> — Li tistimula l-iżvilupp ta' tekniki ta' tbassir ambjentali, l-iskambji tal-informazzjoni dwar teknoloġiji għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-ħsara għall-ambjent, metodi ta' stima tal-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-ispejjeż tal-politika għall-prevenzjoni, il-protezzjoni u r-restawr ambjentali. — Li tiżgura t-tixrid wiesa' ta' informazzjoni affidabbli u komparabbli, partikolarment dwar l-istat tal-ambjent, lill-pubbliku iġenerali u, għal din il-fini, li tippromwovi l-użu ta' teknoloġija ġdida tat-telematika għal dan l-iskop. — Li tikkoopera b'mod attiv ma' korpi u programmi oħra tal-Unjoni u ma' korpi internazzjonali oħra u fl-oqsma ta' interess komuni ma' daww l-istituzzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidmiet. — Li tappoġġa lill-Kummissjoni fil-proċess tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni ambjentali u l-aħjar prassi u fil-propagazzjoni ta' informazzjoni fuq ir-riżultati ta' riċerka ambjentali rilevanti u f'forma li tista' tgħin bl-aħjar mod lill-iżvilupp tal-politika.
<p>It-tmexxija</p>	<p>Il-Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Il-kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, wieħed minn kull pajjiż membru fl-EEA, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, u żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p><i>Il-ħidmiet</i></p> <p>Li jadotta l-programmi ta' xogħol multiannwali u annwali u jiżgura l-implimentazzjoni tagħhom u li jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija.</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Il-Kumitat Xjentifiku</p> <p>Magħmul minn persuni kwalifikati fil-qasam tal-ambjent, maħtura mill-Bord ta' Tmexxija.</p> <p>Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>L-awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2011 (2010)</p>	<p>Il-Baġit Finali</p> <p>EUR 62,2 miljun (<i>EUR 50,6 miljun</i>)</p> <p>Is-sussidju tal-Unjoni: 66 % (<i>80 %</i>)</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>Għadd ta' karigi fit-Tabella tal-persunal: 134 (<i>133</i>)</p> <p>Il-karigi okkupati: 132 (<i>125</i>) u 82 (<i>76</i>) kariga oħra (persunal b'kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati).</p> <p>Għadd totali tal-persunal: 214-il (<i>201</i>) kariga assenjati għall-ħidmiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operazzjonali 90 (<i>89</i>) — amministrattivi 43 (<i>43</i>) — imħallta 1 (<i>1</i>)

Il-prodotti u s-servizzi fl-2011 (2010)	Artikoli	13
	Fatti importanti (highlights)	46
	Stqarrijiet għall-istampa	9
	Diskorsi	1
	Artikoli fuq il-web	3
	Settijiet ta' data	30
	Indikaturi	12
	Mapep, grafiċi,	271
	Materjal promozzjonali	5
	Dokumenti korporattivi	2
	Rapporti	7
	Rapporti tekniċi	30
	Valutazzjonijiet pan-Ewropej	1
	SOER2010	1

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

12. Il-ħlas sar għall-ikel u l-akkomodazzjoni għall-persunal li kien qiegħed fl-istazzjonijiet ta' riċerka. Malli f'April 2011 sar jaf b'perċezzjoni potenzjali ta' kunflitt ta' interess mill-Qorti tal-Awdituri, id-Direttur Eżekuttiv irriżenja minnufih mill-bord tal-amministraturi ħalli jipproteġi lill-aġenzja u jiżgura li l-eżitu xjentifiku finali ma jitpoġġiex f'periklu. Fid-dawl tal-proċess ta' kwittanza għall-2010, il-Bord Maniġerjali u l-amministrazzjoni tal-EEA saħħu l-politika dwar il-kunflitt ta' interess tal-EEA sabiex jevitaw kwalunkwe problema potenzjali fil-ġejjieni.

13. L-aġenzja qed iżomm f'moħħha l-kummenti tal-qorti u diġà bdiet proċess li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet.
